MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Numru. 602/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Philip Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Philip Borg ta’ 50 sena iben George u Noelle nee’ Bellanti imwieled Sliema fis-27 ta’ Frar 1958 u residenti ‘Gordon Court’ Flat 4, Triq Don Mikiel Rua, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 226858(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ Jannar 2008, u fix-xhur ta’ qabel f’ dawn il-Gzejjer, b’ mezzi kontra il-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-

ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ *Belair Real Estate*, ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Belair Real Estate, ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 6 ta’ April 2004 (esebita a fol. 53 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a. fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
b. fl-artikoli 293, 294, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
c. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta’ Ottubru 2009, l-imputat Philip Borg ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' truffa u misapproprijazzjoni kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 u 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Ghall-ahhar tas-sena 2006 l-imputat beda' jahdem mas-socjeta' kwerelanti Belair Travel Bureau Limited bhala property negotiator. Huwa kien jahdem bhala self-employed u l-arrangjament kien li l-commission dovuta lill-kumpanija kull meta jsir bejgh ta' propjeta' li jkun involut fiha l-imputat tinqasam in kwantu ghal 40% ghall-imputat u in kwantu ghal 60% ghas-socjeta' kwerelanti. L-imputat dam jahdem mas-socjeta' kwerelanti ghal perijodu ta' madwar disa' xhur u waqt dan il-perijodu huwa kien involut f'konvenju dwar bejgh ta' dar u meta telaq minn mas-socjeta' kwerelanti il-kuntratt relattiv kien ghadu ma sarx. Is-socjeta' kwerelanti qed tallega li l-imputat deher fuq dan il-kuntratt li sar fit-18 ta' Settembru 2007 ad insaputa taghha u zamm l-ammont ta Lm3750 imhallas mill-bejjiegha bhala commission minghajr ma ghadda l-ammont dovut lilha (lis-socjeta' kwerelanti). Is-socjeta' kwerelanti qed tallega li l-imputat deher fuq il-kuntratt minn wara darha u rrilaxxja ricevuta (esebita a fol. 26 tal-process lill-konjugi Anastasi, il-bejjiegha) mhux bil-format li tuza is-soltu il-kumpanija izda qabad u kiteb ricevuta bil-kitba tieghu. L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija (esebita a fol. 18 u 19 tal-process) kif ukoll meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri dejjem sostna li huwa kien deher fuq il-kuntratt relattiv u thallas il-commission ta' Lm3750 permezz ta' cash transaction, u cioe' minghajr ma thallas VAT, u kien ghal din ir-raguni li ma setghatx tinhareg VAT receipt. L-imputat qal li sussegwentement huwa kien mar fl-ufficcji tas-socjeta' kwerelanti f'Tas-Sliema u ghadda s-sehem dovut lilha mill-commission lil Jean Pierre Camilleri li kien il-branch manager. L-imputat spjega li il-commission kienet thallset permezz ta cash transaction ghaliex il-bejjiegha kienu dahlu f'sole agency agreement ma Owner's Best u dawn tal-ahhar pretendew li jithallsu 1.5% milll-commission u ghalhekk is-socjeta kwerelanti

kienet accettat li t-transazzjoni issir permezz ta' cash transaction sabiex il-bejjiegha ma jispiccawx ihallsu 6.5% commission fuq il-prezz tal-bejgh u l-Vat fuq dan l-ammont ukoll.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti fejn min-naha l-wahda s-socjeta' kwerelanti qed issostni li hija baqghet qatt ma thallset minghand l-imputat l-ammont dovut lilha bhala commission u fejn Jean Pierre Camilleri qed jinnega li huwa qatt ircieva l-ammont in kwistjoni minghand l-imputat u min-naha l-ohra l-verzjoni tal-imputat li dejjem sostna li huwa kien hallas is-sehem dovut lis-socjeta' kwerelanti mill-commission lil Jean Pierre Camillleri.

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa effettivament ghadda is-sehem tal-commission dovut lis-socjeta' kwerelanti lil Jean Pierre Camilleri u ghalhekk ma giet effetwata ebda truffa jew misapproprijazzjoni da parti tieghu. Il-Qorti waslet ghal din il- konkluzjoni minhabba s-segwenti ragunijiet :-

1. Suzanne Xuereb ikkoroborat dak li sostna l-imputat fis-sens li huwa kien mar l-ufficcju tas-socjeta' kwerelanti u dahal b'envelope ohxon bi flus kontanti u hareg minghajr l-imsemmi envelope. Din ix-xhud li xehdet waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2010 fil-fatt ikkonfermat li fiz-zmien in dizamina hija kienet il-partner tal-imputat u li hija kienet ratu jghodd xi flus u jpoggihom f'envelope u huwa mbaghad talabha zzomm dan l-envelope fil-handbag taghha ghaliex ma kienx joqghod fil-but tieghu u hija mbaghad akkompanjatu bil-karozza sa quddiem l-ufficcju tas-socjeta' kwerelanti fejn newlitlu l-envelope mil-handbag taghha u ratu diehel fl-imsemmi ufficcju bl-envelope u johrog wara ftit minuti minghajr l-istess envelope.

2. Il-verzjoni moghtija mill-imputat rigward il-fatt li t-transazzjoni relattiva kienet cash transaction giet korroborata mill-bejjiegha li kkonfermaw li huma kienu hallsu biss is-somma ta’ Lm3750 u xejn aktar u jekk wiehed jikkalkula l-commission fuq il-prezz tal-bejgh jista’ jara li dan l-ammont ma jinkludix il-15% VAT.

3. Meta xehed in-Nutar John Debono, u cioe’ n-Nutar li ppubblika l-att relattiv, dan bl-ebda mod ma kkorrobora l-verzjoni moghtija minn Jean Pierre Camilleri fis-sens li ma ftakarx li dan tal-ahhar kien staqsih dwar il-kuntratt li kien involut fih l-imputat u dwar ir-raguni il-ghala kien ghadu ma sarx jew li dan Camilleri kien qatt kellmu dwar l-imsemmi kuntratt.

4. Il-verzjoni moghtija mill-imputat kienet dejjem konsistenti.

5. Filwaqt li Jean Pierre Camilleri jsostni li s-socjeta’ kwerelanti qatt ma kienet teffetwa cash transactions id-direttur tal-istess socjeta’ kwerelanti David Casolani jghid mod iehor.

Il-Qorti jidrilha li l-imputat rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa kien ghadda l-flus dovuti lis-socjeta’ kwerelanti lil Jean Pierre Camilleri u ghalhekk l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat qatt ma jistghu jitqiesu li gew pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------